



2019/2096(DEC)

19.12.2019

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta'
Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018
(2019/2096(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Ryszard Czarnecki

WERREJ

	Paġna
1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 (2019/2096(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Uffiċċju¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ...ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Uffiċċju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (00000/2020 – C9-0000/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002³, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil⁵, b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,

¹ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

² ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1

³ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1

⁴ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁵ ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2019),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2018 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

⁶ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42

⁷ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 (2019/2096(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Uffiċċju¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Uffiċċju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (00000/2020 – C9-0000/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002³, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil⁵, b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-

¹ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1

² ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1

³ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1

⁴ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁵ ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2019),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

⁶ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42

⁷ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 (2019/2096(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2019),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa tiegħu¹, il-baġit finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ("l-Uffiċċju") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 97 665 322, li jirrappreżenta żieda ta' 12,52 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet relatata mat-tiżni tal-attivitajiet operattivi; billi l-baġit tal-Uffiċċju huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni²;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li hija kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju huma affidabbli u li kisbet biżżejjed evidenza għall-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqhom huma bbażati l-kontijiet; billi, madankollu, il-Qorti ħarġet bażi għal opinjoni kwalifikata, b'relazzjoni mas-sejbiet tal-Qorti rrapportati għas-snin finanzjarji 2016 u 2017 dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti; billi, ħliet għall-effetti tas-snin finanzjarji 2016 u 2017, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-pagamenti sottostanti għall-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Segwitu għar-rapport ta' kwittanza tal-2017

1. Jieħu nota tad-deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2018 tal-Bord ta' Tmexxija tal-Uffiċċju li jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv mill-kariga tiegħu b'effett immedjat; jinnota n-nomina ta' Direttur Eżekuttiv *ad interim* fis-6 ta' Ġunju 2018 u l-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv ġdid fis-16 ta' Ġunju 2019; jieħu nota tar-rapport ta' segwitu min-naħa tal-Uffiċċju dwar l-osservazzjonijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2017, partikolarment il-miżuri korrettivi meħuda mill-Bord ta' Tmexxija tal-Uffiċċju, id-Direttur Eżekuttiv *ad interim* u d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid sabiex isir titjib fl-istruttura ta' governanza u l-effiċjenza tal-Uffiċċju, tinġieb lura t-trasparenza u t-tisahħa il-fiduċja; jappoġġja u japprezza l-miżuri mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza tal-EASO għall-2019; jinnota l-messaġġ pożittiv u l-intenzjoni favur kooperazzjoni qrib fil-futur li esprima d-Direttur

¹ ĠU C 306/2, 30.8.2018, p. 6.

² ĠU C 306/2, 30.8.2018, p. 270.

Eżekuttiv il-ġdid fis-seduta ta' smiġh pubbliku tal-4 ta' Settembru 2019; Ifakkar, madankollu, fid-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-23 ta' Ottubru 2018 li tirrifjuta li taġhti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2017;

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2018

2. Ifakkar li, skont ir-rapport tal-Qorti għas-snin finanzjarji 2016 u 2017, il-kuntratti dwar il-forniment ta' ħaddiema interim fil-Greċja u s-servizzi tal-ivvjaġġar lejn il-bini tal-Uffiċċju f'Lesbos huma irregolari; jinnota li l-opinjoni tal-Qorti li, bl-eċċezzjoni għall-effetti tas-snin finanzjarji 2016 u 2017 li għalihom il-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 95,02 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,87 % meta mqabbla mal-2017; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet 88,08 %, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 3,96 % meta mqabbel mal-2017;
4. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mad-dipendenza għolja tal-Uffiċċju fuq biżżejjed riżorsi, prinċipalment dwar l-esperti li qed isiru disponibbli mill-Istati Membri, li n-nuqqas ta' esperti jiġi rrapportat lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni f'livelli differenti; jinnota, barra minn hekk, li, sabiex jiġu kkompensati n-nuqqasijiet iffaċċjati fin-nomini u fl-istazzjonamenti tal-Istati Membri, l-Uffiċċju żied l-istazzjonament ta' persunal temporanju reklutat lokalment u li, fl-2018, 26 % biss tal-istazzjonament tal-ħtiġijiet operattivi ġew koperti mill-esperti tal-Istati Membri;
5. Jiddispjaċih li l-baġits annwali limitati u n-nuqqas assolut ta' fondi ta' kontinġenza fil-baġit tal-Uffiċċju biex ikopru l-finanzjament ta' ħtiġijiet operattivi urġenti mhux previsti joħolqu inċertezzi baġitarji u jfixxlu l-ippjanar f'każ ta' emerġenza. jistieden lill-Uffiċċju jindirizza r-restrizzjonijiet baġitarji b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet baġitarji.

Prestazzjoni

6. Jirrikonoxxi l-istrateġija ta' kooperazzjoni mġedda tal-Bord ta' Tmexxija konġunt EASO-Frontex; barra minn hekk; jinnota li l-Uffiċċju għandu rwol attiv fin-Netwerk tal-Aġenziji fis-simplifikazzjoni ta' azzjonijiet komuni bħas-sejħa għar-reklutaġġ ta' konsulenti kunfidenzjali, il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist konġunti għall-kuntratti qafas, u fil-programmi ta' mobilità tal-persunal;
7. Jinnota li l-Uffiċċju jkompli juża indikaturi kwalitattivi bħala Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) biex juri l-impatt tal-appoġġ tiegħu fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), kif ukoll KPIs oħra biex isaħħaħ il-ġestjoni baġitarja tiegħu u li, barra minn hekk, l-Uffiċċju introduċa KPIs ġodda għall-kejl tal-prestazzjoni;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota bi tħassib li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet kompluta biss b'rata ta' 68,22 %, bil-ħatra ta' 146 aġent temporanju mill-214-il aġent temporanju awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (155 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 61 aġent kuntrattwali u 3 esperti nazzjonali sekondati kienu qed jaħdmu għall-Uffiċċju fl-2018;
9. Jiddispjaċih jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, sa minn tmiem l-2017, is-sitwazzjoni tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju marret lura b'mod esponenzjali: jinnota li, sa tmiem l-2018, l-Uffiċċju kellu 219-il membru tal-persunal; 89 ittra ta' offerta kienu ntbagħtu u ġew iffirmati 60 kuntratt. josserva, madankollu, li kien għad hemm 78 post vakanti li kellhom jimtlew sa tmiem l-2018; b'mod partikolari, jinnota bi tħassib serju n-nuqqas ta' manijers fid-dipartiment tal-amministrazzjoni, peress li erbgħa minn ħames karigi manijerjali kienu vakanti jew kellhom il-persuni li okkupawhom sospiżi mill-obbligi tagħhom; jesprimi tħassib serju ħafna dwar il-fatt li din is-sitwazzjoni ġġib magħha riskju sinifikanti għall-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Uffiċċju fil-livell attwali; jistieden lill-Uffiċċju jagħmel sforzi addizzjonali biex jimla l-postijiet vakanti, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri u jżomm l-awtorità ta' kwittanza aġġornata dwar il-miżuri korrettivi meħuda biex jitnaqqas dak ir-riskju;
10. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti mill-awtorità ta' kwittanza relatati ma' dgħufijiet serji f'erbgħa mill-erbatax-il proċedura ta' reklutaġġ li ġew awditjati fl-2017, li l-Uffiċċju implimenta proċeduri operattivi standard ġodda dwar ir-reklutaġġ li jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet kollha li saru mill-Qorti; jinnota, barra minn hekk, li l-proċeduri tal-għażla huma dokumentati aħjar, huma aktar trasparenti u aktar robusti f'termini tar-riskju ta' frodi;
11. Jirrikonoxxi l-fatt li n-nuqqas ta' arranġamenti komprensivi rigward l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u ta' forzi oħra tal-Uffiċċju fl-Istati Membri (eż. fir-rigward ta' privileġġi u immunitajiet għall-persunal tal-Uffiċċju stess, għall-esperti tal-Istati Membri u għall-esperti kuntrattwali) jgħaliq riskju operazzjonali, finanzjarju u reputazzjonali sinifikanti. jieħu nota tat-tweġiba tal-Uffiċċju fis-sens li din il-kwistjoni tqajmet f'kontatti bilaterali mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u l-Bord ta' Tmexxija; jistieden lill-Uffiċċju, flimkien mal-Kummissjoni, biex ikompli jfittex arranġamenti effettivi mal-Istati Membri rigward l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u ta' forzi oħra tal-Uffiċċju;

Akkwist

12. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fl-2018 l-Uffiċċju kien nieda proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa biex jiġu stabbiliti kuntratti qafas għall-forniment ta' servizzi ta' ħaddiema temporanji fl-Italja; jinnota li l-Uffiċċju waqqaf il-proċedura għaliex ġiet riċevuta offerta waħda biss, u l-Uffiċċju kkunsidra din l-offerta inaċċettabbli, peress li l-offerta finanzjarja qabżet il-baġit massimu smat; josserva li l-Qorti sabet li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta kien fihom żball importanti li kien jammonta għal EUR 25 miljun; jinnota, għalhekk, li huwa probabbli li kandidati potenzjali oħra żammew lura milli jippreżentaw offerti lill-Uffiċċju peress li l-ispeċifikazzjonijiet ma ppermettewx li jiġi ppreżentat argument għall-vijabbiltà legali; jinnota, barra minn hekk, li l-Uffiċċju ma biddilx l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u ma organizzax

proċedura miftuħa ġdida, iżda minflok innegożja l-kundizzjonijiet u konsegwentement iffirma l-kuntratt mal-uniku offerent li kien wieġeb għas-sejħa inizjali; jinnota, bi tħassib, li fl-assenza ta' kompetizzjoni ġusta fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet korretti tal-offerta, il-proċedura ta' akkwist, kif ukoll il-kuntratti u l-pagamenti futuri relatati kollha jitqiesu li huma irregolari; jistieden lill-Uffiċċju japplika r-regoli tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni b'mod rigoruż.

13. Jinnota li l-Uffiċċju juża kuntratti ta' servizzi ma' kumpaniji tal-IT li ġew iffornulati b'mod li jista' jimplika li sar assenjament ta' ħaddiema temporanji minn aġenzija tax-xogħol, minflok is-servizzi tal-IT jew il-prodotti ddefiniti b'mod ċar; ifakkar li l-forniment ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija biex iwettqu kompiti preċiżi għal tul ta' żmien speċifiku huwa soġġett għad-Direttiva 2018/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għal regoli speċifiċi adottati mill-Istati Membri; jinnota li l-użu ta' kuntratti ta' servizzi tal-IT għall-forniment ta' ħaddiema mhux konformi mar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u mar-regoli tal-UE dwar is-servizzi soċjali u l-impjiegi; jieħu nota tat-tweġiba tal-Uffiċċju li qed jikkunsidra li jirrevedi l-mudell tiegħu għall-kuntratti tat-tip "Times and Means" sabiex jinkludi f'kull kuntratt lista ta' riżultati tanġibbli li jridu jitwettqu skont il-kuntratt; jistieden lill-Uffiċċju jiżgura li l-formulazzjoni tal-kuntratti tipprekludi kwalunkwe konfużjoni bejn l-akkwist ta' servizzi tal-IT u ta' ħaddiema interim;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u tat-trasparenza

14. Jirrikonoxxi mill-Uffiċċju li, fl-2018, beda jimplimenta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u żviluppa gwida Prattika għall-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, li għandha tiġi adottata mill-Bord ta' Tmexxija sat-tielet trimestru tal-2019 kif ukoll ir-regoli għall-protezzjoni tal-informaturi;
15. Jinnota bi tħassib li, għalkemm l-Uffiċċju jippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija tiegħu fuq is-sit web tiegħu, għadu mhux qed jippubblika d-dikjarazzjonijiet tal-interess tal-maniġment superjuri;

Kontrolli interni

16. Ifakkar li, skont ir-rapport tal-Qorti, li l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza tal-Uffiċċju, li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija fil-ħarifa tal-2018, kien jinkludi sett ta' oġġettivi prijorarji u riżultati tanġibbli skedati mmirati lejn "il-bini tal-fiduċja", it-tisħiħ tal-qafas ta' governanza interna u "l-bini mill-ġdid tal-kapaċità interna"; ifakkar li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Governanza pprova valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern tal-Uffiċċju, li rreferiet għal dgħufijiet u ineffiċjenzi sinifikanti għall-maġġoranza tal-Istandards ta' Kontroll Intern u l-kriterji ta' valutazzjoni; josserva li d-dgħufijiet identifikati kkorroboraw l-osservazzjonijiet li l-Qorti għamlet fl-2017;
17. Jiddeplora l-fatt li, fi tmiem l-2018, l-Uffiċċju ma kellux kapaċità tal-awditjar intern u li ma kien hemm ebda rapport komprensiv ta' awditjar tas-Servizz tal-Awditjar Intern li kienu nħarġu minn Jannar 2018; barra minn hekk, jinnota li l-ħolqien ta' kontrolli *ex post* għall-verifika tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet kien għadu fil-bidu tiegħu; jieħu nota tat-tweġiba tal-Uffiċċju fis-sens li huwa qabel ma' u ddokumenta miżuri korrettivi dwar is-sistemi ta' kontroll intern, inkluż il-ħolqien ta' kapaċità ta' awditjar sar-raba trimestru tal-2019 u kapaċità ta' kontroll intern *ex post* sat-tielet trimestru tal-2019; jistieden lill-Uffiċċju jinforma lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri

meħuda f'dan ir-rigward;

18. Jinnota li l-Uffiċċju ħa passi pożittivi sabiex itejjeb il-governanza organizzattiva; jinnota li mill-61 miżura fil-pjan ta' azzjoni, 31 ġew ikkompletati, filwaqt li 31 kienu fi stat pendenti fiż-żmien tal-awditu tal-Qorti;
19. Jiddispijaċih li għad m'hemmx politika dwar postijiet sensittivi fl-Uffiċċju, u li dan mhuwiex konformi mal-istandards ta' kontroll intern tal-Uffiċċju fejn il-funzjonijiet sensittivi għandhom jiġu definiti b'mod ċar, jiġu rreġistrati u miżmuma aġġornati; jieħu nota tat-tweġiba tal-Uffiċċju li qed tiġi finalizzata politika ta' postijiet sensittivi u li din hija mistennija li tiġi approvata sat-tielet trimestru tal-2019 u li tiġi implimentata sar-raba' trimestru tal-2019; jistieden lill-Uffiċċju jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;
20. Ifakkar fil-fatt li, fi tmiem l-2017, ma kien hemm ebda funzjoni legali interna fl-Uffiċċju u li multitudni ta' kumpaniji legali kienu ġew ingaġġati taħt id-direttur preċedenti; josserva, madankollu, li fl-2018, l-Uffiċċju ħoloq lista tal-kuntratti kollha li ntużaw għal konsulenza legali, u li fl-2019, konsulenta legali anzjana ġdida bdiet id-dmirijiet tagħha fl-Uffiċċju, u l-kuntratt qafas ġdid għal parir legali biex jieħu post il-kuntratti preċedenti ġie ffirmat; jinnota, madankollu, li kien għad m'hemmx stabbilit rieżami intern sistematiku tad-dokumenti legali, filwaqt li bosta inkonsistenzi ġew innotati fl-aspetti legali tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-2018; jistieden lill-Uffiċċju jiżgura funzjoni legali b'saħħitha u ġestjoni effettiva tal-proċeduri legali;
21. Jinnota bi tħassib li n-nuqqas ta' responsabbiltajiet u rwoli ċari rigward il-ġestjoni tal-bini mikri kif ukoll tas-servizzi u x-xogħlijiet relatati jista' jostakola mitigazzjoni effiċjenti ta' riskji relatati mal-binijiet; jistieden lill-Uffiċċju jistabbilixxi politika effettiva għall-ġestjoni ta' bini mikri u servizzi relatati;

Kummenti oħra

22. Jinnota, wara kummenti u osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-fatt li l-Uffiċċju huwa wieħed mill-ftit aġenziji tal-Unjoni b'diversi postijiet u li l-Uffiċċju daħal f'kuntratti ta' kera f'diversi postijiet mingħajr ma wettaq analiżi adegwata tas-suq lokali, li, fir-rigward tal-uffiċċju f'Ruma, dalwaqt se titnieda offerta ġdida, preċeduta minn analiżi xierqa tas-suq għall-kiri ta' uffiċċju, sabiex is-sitwazzjoni attwali tiġi regolarizzata; josserva, barra minn hekk, fil-każ tal-uffiċċju f'Ateni, li l-kuntratt attwali ta' kiri jintemm f'Jannar 2020 u li bħalissa qed tittejjja proċedura ta' akkwist ġdida li tinkludi analiżi xierqa tas-suq; jinnota, barra minn hekk, li l-faċilità tal-ipproċessar f'Pagani (Lesvos) mexxiet il-postijiet tax-xogħol operattivi fil-Hotspots barra miċ-ċentri; jinnota li, fir-rigward tal-uffiċċju ta' Ċipru, f'nofs l-2018 ġie ffirmat kuntratt ġdid mas-sid tal-bini wara sejħa għall-offerti mmirata biex tirregolarizza l-ftehim inizjali, u tinkludi l-possibbiltà ta' espansjoni jekk ikun hemm aktar ħtiġijiet;
23. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-fatt li l-Uffiċċju espanda l-isparju għall-uffiċċji tiegħu f'Malta għal blokk addizzjonali tal-bini fejn jinsab il-bini tiegħu, li l-Uffiċċju ffinalizza l-ftehim ta' kiri f'Ottubru 2018, li l-ispejjeż tiegħu huma kompletament koperti mill-baġit tal-Uffiċċju, bil-għan li jikkupa l-kumpless sħiħ;
24. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-ħatra tad-

Direttur Eżekuttiv *ad interim* il-ġdid, li ħa l-kariga fis-6 ta' Ġunju 2018, li, minħabba din il-bidla fil-ġestjoni, dik it-trasparenza ngħatat l-akbar prijorità bħala l-prinċipju fundamentali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Governanza taħt it-tmexxija tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tagħha li huwa impenjat li jkompli b'dan l-approċċ fil-futur;

o

o o

25. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' ... 2020³ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

³ Testi adottati, P9_TA-PROV(2020)0000.